A.L. 2 ta' l-1989

ATT TA' L-1952 LI JIRREGOLA L-KONDIZZJONIJIET TA' L-IMPIEG

(ATT NRU. XI TA' L-1952)

Ordni ta' l-1989 li jemenda l-Ordni dwar il-Kunsill tal-Pagi għan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 5 ta' l-Att ta' l-1952 li jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg, il-Ministru tal-Politika Soċjali għamel dan l-Ordni li ġej:—

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Ordni jista' jissejjaħ l-Ordni ta' l-1989 li Jemenda l-Ordni Dwar il-Kunsill tal-Pagi għan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Ordni dwar il-Kunsill tal-Pagi għan-Negozji bl-Ingrossa u bl-Imnut, pubblikat bħala Notifikazzjoni tal-Gvern Nru. 430 fid-19 ta' Awissu, 1955 u hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-ordni prinċipali".

(2) Dan l-Ordni għandu jibda jseħħ f'dik id-data li l-Ministru li jkollu taħtu d-Dipartiment tax-Xogħol u Emigrazzjoni jistabbilixxi b'avviż pubblikat fil-Gazzetta.

Jemenda l-paragrafu 3 tal-ordni prinċipali.

2. Minflok is-subparagrafu (b) tal-paragrafu 3 tal-ordni prinċipali u l-esklużjoni li tinsab miegħu, għandhom jidħlu dawn li ġejjin:—

"(b) bejjiegħa bl-imnut, libreriji ċirkolanti, irkantaturi, parrukkieri, kooperativi ta' konsumaturi, stabbilimenti ta' fotografi;

iżda teskludi kull ħanut immexxi direttament mid-direzzjoni ta' lukanda jew ta' każin bħala parti mill-amenitajiet tagħhom jew li jingħataw b'kuntratt biex jiżdied dawk l-amenitajiet.".